IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2016
COM(2016) 211 final

ANNEX 1

ANNESS

għall-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tas-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra

HEMŻA

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU 1/2016 TAS-SOTTOKUMITAT SANITARJU U FITOSANITARJU TAL-UE-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

tal-…2016

li timmodifika l-Anness XXIV-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

IS-SOTTOKUMITAT SANITARJU U FITOSANITARJU,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2014, u b'mod partikolari l-Artikolu 181 u l-Artikolu 191 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 464 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), partijiet mill-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar miżuri sanitarji u fitosanitarji, huma applikati proviżorjament mill-1 ta' Settembru 2014.

(2) L-Artikolu 181(1) tal-Ftehim jipprevedi li r-Repubblika tal-Moldova għandha gradwalment tapprossima liġi tagħha sanitarja u fitosanitarja u dwar il-benessri tal-annimali ma' dik tal-Unjoni kif stipulat fl-Anness XXIV ta' dan il-Ftehim.

(3) L-Artikolu 181(4) tal-Ftehim jobbliga lir-Repubblika tal-Moldova biex tippreżenta lista tal-acquis sanitarju, fitosanitarju u dwar il-benessri tal-annimali tal-Unjoni li lejh biħsiebha tapprossima il-leġiżlazzjoni domestika, mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dik il-lista għandha sservi bħala dokument ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu 4 tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) ta' dan il-Ftehim.

(4) L-Artikolu 191 tal-Ftehim jistabbilixxi s-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju, li għandu jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-Kapitolu 4 tat-Titolu V (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ), inkluża l-implimentazzjoni tiegħu, u tista' tirrevedi u timmodifika l-Anness XXIV ta' dan il-Ftehim.

(5) Ir-Repubblika tal-Moldova ppreżentat il-lista msemmija hawn fuq tal-acquis tal-Unjoni lill-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2014, wara li, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-lista ġiet iffinalizzata f'Lulju 2015.

(6) Huwa xieraq li s-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju jieħu deċiżjoni li temenda l-Anness XXIV-B tal-Ftehim biex jinkludi l-lista kif imniżżla fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XXIV-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, huma b'dan modifikati skont kif stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għas-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju

Il-President

ANNESS

IL-MODIFIKAZZJONI TAL-ANNESS XXIV-B GĦALL-FTEHIM TA' ASSOĊJAZZJONI

L-Anness XXIV-B għall-Ftehim huwa b'hekk modifikat u jinqara kif ġej:

"ANNESS XXIV-B

LISTA TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UNJONI LI GĦANDHA TKUN APPROSSIMATA MIR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

Skont l-Artikolu 181(4) ta' dan il-Ftehim, ir-Repubblika tal-Moldova għandha tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha lejn il-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien il-perjodi ta' żmien kif elenkati hawn taħt.

Leġiżlazzjoni tal-Unjoni	**Skadenza għall-approssimazzjoni**
Taqsima 1 – Ġenerali	
Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 58,59 u 62	2016
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2003 tal-L-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2003 dwar il-proċedura applikata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel għal talbiet għal opinjonijiet xjentifiċi riferiti lilha	2020
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/478/EC tad-29 ta' April 2004 li tirrigwarda l-adozzjoni ta' pjan ġenerali għall-ġestjoni ta' kriżi fl-ikel/fl-għalf	2016
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 16/2011 tal-10 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema ta' twissija bikrija għall-ikel u l-għalf	2016
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1151/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jimponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni taż-żejt tal-ġirasol li joriġina jew li jiġi kkunsinjat mill-Ukrajna minħabba riskji ta' kontaminazzjoni miż-żejt minerali u li tħassar id-Deċiżjoni 2008/433/KE	2019
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014 tat-13 ta' Awwissu 2014 li jimponi kundizzjonijiet speċjali għar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel minn ċertu pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1152/2009	2018
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 258/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jimponi kundizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni tal-guar gum li joriġina jew	2019

li jasal mill-Indja minħabba r-riskji ta’ kontaminazzjoni mill-pentachlorofenol u d-dijossini, u li jneħħi d-Deċiżjoni 2008/352/KE	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà għan-nebbieta u ż-żrieragħ maħsubin għall-produzzjoni tan-nebbieta	2019
Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta’ Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali	2018
Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta’ Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà tal-ikel – Artikoli 58, 59 u 62	2018
Taqsima 2 – Veterinarja	
Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE tat-30 ta' Diċembru 2002 li tirrigwarda l-iżvilupp ta' sistema veterinarja integrata u komputerizzata	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/734/KE tad-19 ta' Ottubru 2005 li tistabbilixxi miżuri ta’ bijosigurtà sabiex jitnaqqas ir-riskju ta’ trażmissjoni tal-influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja kkawżata mis-sottotip H5N1 tal-virus A tal-Influwenza minn għasafar selvaġġi fl-ambjent naturali tagħhom għal tjur tal-irziezet u għasafar oħra mrobbija mill-bniedem u li tipprevedi sistema ta’ ditezzjoni minn kmieni f’żoni b’riskju partikolari	2018
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE tal-14 ta’ Ġunju 2006 dwar ċerti miżuri ta’ protezzjoni fir-rigward tal-influwenza tat-tjur tas-sottotip H5N1 ta’ patoġeniċità għolja ħafna fit-tjur tal-Komunità u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/135/KE	2018
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/563/KE tal-11 ta' Awwissu 2006 dwar ċerti miżuri ta' ħarsien b'rabta mal-influwenza tat-tjur patoġenika ħafna tas-sottotip H5N1 fi tjur slavaġ fil-Komunità u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/115/KE	2018
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/57/UE tat-3 ta' Frar 2010 li tistabbilixxi garanziji tas-saħħa għat-tranżitu tal-equidae (razza taż-żwiemel) li jkunu qegħdin jiġu ttrasportati mit-territorji elenkati fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE	2018
Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2013 tas-7 ta’ Jannar 2013 li jistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta’ ċerti għasafar fl-Unjoni u l-kondizzjonijiet ta’ kwarantina tagħhom	2017

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 750/2014 tal-10 ta' Lulju 2014 dwar il-miżuri ta' protezzjoni f'rabta mad-dijarea porċina epidemika fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-introduzzjoni tal-annimali porċini fl-Unjoni	2019
Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta’ Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 78/685/KE tas-26 ta' Lulju 1978 li twaqqaf lista ta' mard epiżotiku skont id-Direttiva 72/462/KEE	2015
Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffetwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità	2019
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 494/98 tas-27 ta’ Frar 1998 li jistipula regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi minimi fl-istruttura tas-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bovini	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/968/KE tal-15 ta' Diċembru 2006 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward ta' linji gwida u proċeduri għall-identifikazzjoni tal-annimali ovini u kaprini	2019
Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta’ ekwidi	2019
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta’ Ġunju 2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae	2017
Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda tal-infafet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/106/KE tal-1 ta' Frar 2002 li tapprova Manwal Djanjostiku li jwaqqaf proċeduri djanjostiċi, metodi tal-kampjunar u kriterji għall-istima tat-testijiet fil-laboratorju għall-konferma tad-deni klassiku tal-majjali	2017
Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-qżieqeż u temenda d-Direttiva 92/119/KE għar-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-qżieqeż	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/422/KE tas-26 ta' Mejju 2003 approvazzjoni ta' manwal għad-dijanjosi ta' African swine fever	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/437/KE tal-4 ta' Awwissu 2006 li tapprova Manwal Dijanjostiku għall-influwenza tat-tjur kif previst fid-Direttiva tal-	2017

Kunsill 2005/94/KE	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2009 tat-13 ta’ Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE dwar l-approvazzjoni ta’ kompartimenti għat-tjur u ta’ kompartimenti ta' għasafar tal-gaġġa oħrajn fir-rigward tal-influwenza avjarja u miżuri ta’ bijosikurezza preventivi addizzjonali f’kompartimenti simili	2017
Id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tal-14 ta’ Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda Newcastle	2018
Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue	2018
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 tas-26 ta’ Ottubru 2007 dwar regoli implimentattivi għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tal-kontroll, tal-immonitorjar, tas-sorveljanza u tar-restrizzjonijiet f’dak li għandu x’jaqsam mal-movimenti ta’ ċerti annimali ta’ speċi suxxettibbli għall-bluetongue	2018
Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered	2016
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/843/KC tal-11 ta’ Diċembru 2007 dwar l-approvazzjoni ta’ programmi ta’ kontroll tas-*Salmonella* f’qatgħat għat-tgħammir ta’ *Gallus gallus* f’ċerti pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda d-Deċiżjoni 2006/696/KE, fir-rigward ta’ ċerti rekwiżiti tas-saħħa pubblika fl-importazzjoni ta’ tjur u bajd għat-tfaqqis	2015
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2007/848/KE tal-11 ta’ Diċembru 2007 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll ta’ salmunella f’qatgħat ta’ tiġieġ *Gallus gallus* li jbidu	2015
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2008/815/KE tal-20 ta’ Ottubru 2008 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-*Salmonella* f’qatgħat ta’ brojlers *Gallus gallus*	2015
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2009/771/KE tal-20 ta’ Ottubru 2009 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-*Salmonella* fid-dundjani	2015
Id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali u l-miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda vexxikolari tal-ħnieżer	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/226/KE tal-4 ta’ Marzu 2004 li tapprova testijiet għas-skoperta tal-anti-bodies kontra l-bruċellosi tal-ifrat fl-istruttura tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE	2019
Id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta’ Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-	2019

Komunitarju tan-ngħaġ u tal-mogħoż	
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/329/KE tal-25 ta' Lulju 1995 li tiddefinixxi l-kategoriji ta' equidae maskili li għaliha japplika r-rekwiżit dwar l-arterite virali stabbilit fl-Artikolu 15(b)(ii) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/183/KE tat-22 ta' Frar 2001 li tistabbilixxi l-pjanijiet dwar kampjunar u l-metodi djanjostiċi għall-iskoperta u l-konfermazzjoni ta' xi mard tal-ħut u li tħassar id-Deċiżjoni 92/532/KEE	2019
Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990, li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjoni ta' semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali.	2020
Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux soġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (I) tad-Direttiva 90/425/KEE	2019
Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/879/KE tas-17 ta' Diċembru 1999 li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq u l-amministrazzjoni tas-somatotrofina bovina (BST) u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 90/218/KEE	2016
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/747/KE tas-27 ta' Ottubru 1997 li tiffissa l-livelli u l-frekwenzi tat-teħid tal-kampjuni provduti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE sabiex jiġu monitorjati ċerti sustanzi u l-fdalijiet tagħhom f'ċerti prodotti mill-annimali	2016
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/179/KE tat-23 ta' Frar 1998 li tistabbilixxi regoli dettaljati dwar it-teħid uffiċjali ta' kampjuni għas-sorveljanza ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali	2016
Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi	2018
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tal-14 ta' Awissu 2002 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE rigward il-ħidma ta' metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati	2016
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 92/260/KEE tal-10 ta' April 1992 dwar kondizzjonijiet tas-saħħa ta' annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għal dħul temporanju ta' żwiemel irreġistrati	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar ir-rekwiżiti għall-	2019

kwarantina tal-annimali tal-akkwakultura	
Id-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tirrevoka ċerti Direttivi rigward iġene tal-ikel u kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u sabiex ikunu mqiegħda fis-suq ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali intiżi għall-konsum mill-bniedem u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE u 92/118/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 95/408/KE	2018
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/778/KE tal-14 ta’ Novembru 2006 li tikkonċerna r-rekwiżiti minimi għall-ġbir tal-informazzjoni waqt l-ispezzjonijiet tas-siti ta’ produzzjoni li fihom jinżammu ċerti annimali għal skopijiet ta’ biedja	2019
Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta’ Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela	2018
Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta’ Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali	2018
Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 2013/188/UE tat-18 ta’ April 2013 dwar rapporti annwali li jikkonċernaw spezzjonijiet mhux diskriminatorji li twettqu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97	2018
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 tal-25 ta' Ġunju 1997 dwar kriterji tal-Komunità għal postijiet ta' waqfien u li jemenda l-pjan ta' rotta msemmi fl-Anness tad-Direttiva 91/628/EEC	2019
Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/157/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-annimali tal-ispeċi tal-bovini ta' razza pura għat-tnissil	2016
Id-Deċiżjoni Il-Kummissjoni 84/247/KEE tas-27 ta' April 1984 li tniżżel il-kriterji għall-għarfien tal-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet ta' dawk li irabbu, u li jżommu jew jistabbilixxu kotba tar-razza tal-merħla għall-bovini tal-ifrat ta' razza pura	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 84/419/KEE tad-19 ta' Lulju 1984 li tistabbilixxi l-kriterji biex ikunu rreġistrati l-ifrat fil-kotba tal-merħliet	2017
Id-Direttiva tal-Kunsill 87/328/KEE tat-18 ta' Ġunju 1987 dwar l-aċċettazzjoni għall-iskopijiet ta' tgħammir ta' bhejjem tal-ifrat tar-refgħa ta' razza pura	2016
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/463/KE tat-23 ta' Lulju 1996 li tinnomina l-korp ta' referenza responsabbli biex jikkollabora ħalli jagħmel l-istess il-metodi tal-ittestjar u l-evalwazzjoni tar-riżultati għal annimali ta' razza pura tal-ispeċi tal-bovini	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/379/KEE tas-17 ta’ Mejju 2005 dwar iċ-ċertifikai tal-pedigree u l-partikolaritajiet għall-annimali tat-trobbija ta’ razza pura mis-speċi bovina, l-isperma, il-bajd u l-embrijuni tagħhom	2019

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/427/KE tal-20 ta' Ġunju 2006 li tistabbilixxi l-metodi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-metodi tal-ivvalutar tal-valur ġenetiku tal-bovini mnissla minn razza pura	2019
Id-Direttiva tal-Kunsill 88/661/KEE tad-19 ta' Diċembru 1988 dwar l-istandards żootekniċi applikabbli għal tnissil ta' annimali tal-ispeċi tal-majjal	2016
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/501/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 li tippreskrivi l-kriterji għal approvazzjoni u sorveljanza tal-assoċjazzjonijiet ta' min irabbi u organizzazzjonijiet għat-tnissil li jistabbilixxu jew iżommu kotba tal-merħliet għal majjali ta' razza pura għat-tnissil	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/502/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 li tippreskrivi l-kriterji li jirregolaw id-dħul fil-kotba għal majjali ta' razza pura għat-tnissil	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/503/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 li tippreskrivi ċ-ċertifikat għal ħnieżer tar-razza tat-tagħmir, is-semen, il-bajd (ova) u l-embrijoni tagħhom	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/504/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 li tippreskrivi l-kriterji għal approvazzjoni u sorveljanza ta' l-assoċjazzjonijiet ta' min irabbi u organizzazzjonijiet għat-tinissil li jistabbilixxu jew iżommu kotba tal-merħliet għal majjali ta' razza pura għat-tnissil	2016
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/505/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 li jistipulaw il-kriterji li jirregolaw dħul fir-reġistri għal majjali ibridi tat-tagħmir	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/506/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 li tippreskrivi ċ-ċertifikat ta' majjali ibridi tat-tagħmir, l-isperma, l-ova u l-embrijoni tagħhom	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/507/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 li tistipula metodi għall-immonitorjar tal-qadi u għall-assessjar tal-valur ġenetiku ta' majjali tar-razza u ibridi tat-tagħmir	2019
Id-Direttiva tal-Kunsill 90/118/KEE tal-5 ta' Marzu 1990 fuq l-aċċettazzjoni ta' nisel pur tal-majjali tal-ifrat	2016
Id-Direttiva tal-Kunsill 90/119/KEE tal-5 ta' Marzu 1990 dwar it-tnissil minn razza differenti tal-majjali tal-ifrat	2016
Id-Direttiva tal-Kunsill 89/361/KEE tat-30 ta' Mejju 1989 li tikkonċerna n-ngħaġ u l-mogħoż tar-razza għat-tgħamir	2016
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/254/KEE tal-10 ta' Mejju 1990 li tfassal il-kriterji għall-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet ta' nissiela li jistabbilixxu jew iżommu kotba tal-merħliet tan-ngħaġ u l-mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/255/KEE tal-10 ta' Mejju 1990 li tistabbilixxi l-kriterji għad-dħul regolat fil-kotba tal-merħliet għan-ngħaġ u mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura	2019

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/258/KEE tal-10 ta' Mejju 1990 li tfassal għal ċertifikati żootekniċi għal razza ta' ngħaġ u mogħoż tat-tnissil pur, is-semen, bajd u embriji tagħhom	2016
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/353/KEE tal-11 ta' Ġunju 1992 li tippreskrivi l-kriterji għall-approvazzjoni jew l-għarfien ta' organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet li jżommu jew jistabbilixxu kotba stud għal equidae reġistrati	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/354/KEE tal-11 ta' Ġunju 1992 li tipprovdi ċerti regoli biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet li jżommu jew jistabbilixxu kotba ta' annimali maskili mimumin għar-razza ta' equidae reġistrati	2019
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/78/KEE tal-10 ta' Jannar 1996 li tistabbilixxi l-kriterji biex jitnilu u jiġu reġistrati l-equidae fil-kotba li jkun fihom ir-razez taż-żwiemel għal skopijiet ta' tagħmir	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/79/KEE tat-12 ta' Jannar 1996 li tistabbilixxi ċ-ċertifikati żootekniċi tas-semen, tal-ova u tal-embriji mill-ekwidi rreġistrati	2017
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae	2017
Id-Direttiva tal-Kunsill 90/428/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kummerċ fl-equidae maħsuba għall-kompetizzjonijiet u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fiha	2018
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/216/KEE tas-26 ta' Marzu 1992 fuq il-ġbir ta' data li tikkonċerna kompetizzjonijiet għall-equidae kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/428/KEE	2018
Id-Direttiva tal-Kunsill 91/174/KEE tal-25 ta' Marzu 1991 li tistabbilixxi l-ħtiġiet żootekniċi u tar-razza għall-marketing tal-annimali ta' razza pura u li temenda d-Direttivi 77/504/KEE u 90/425/KEE	2016
Taqsima 3 — It-tqegħid fis-suq ta' ikel, għalf u prodotti sekondarji tal-annimali	
Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel	2017
Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali	2017
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE)	2017

Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004	
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà għan-nebbieta u ż-żieragħ maħsubin għall-produzzjoni tan-nebbieta	2018
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 210/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar l-approvazzjoni tal-istabbilimenti li jipproduċu n-nebbieta skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	2018
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 211/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tan-nebbieta (sprouts) u ż-żieragħ maħsuba għall-produzzjoni tan-nebbieta	2018
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 579/2014 tat- 28 ta' Mejju 2014 li jagħti deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasport taż-żjut u x-xaħmijiet likwidi bil-baħar	2018
Id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tipprovdi għal rekwiżiti fir-rigward tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti mhux soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti f'regoli Komunitarji speċifiċi msemmija fl-Anness A (I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fejn jidħlu l-patoġeni, għad-Direttiva 90/425/KEE	2018
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 101/2013 tal-4 ta' Frar 2013 dwar l-użu tal-aċidu lattiku biex titnaqqas il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tal-wiċċ fuq karkassi bovini	2016
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 636/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 dwar ċertifikat mudell għall-kummerċ ta' kaċċa salvaġġa kbira mhux imqaxxra mill-ġilda	2018
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2006/677/KE tad-29 ta' Settembru 2006 li jistabbilixxi l-linji ta' gwida li jistipulaw il-kriterji għat-twettiq tal-verifiki skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar kontrolli uffiċjali mwettqa sabiex jassiguraw il-verifika tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, u mar-regoli tas-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/363/KE tal-21 ta' Mejju 2007 dwar linji ta' gwida li jgħinu lill-Istati Membri jħejju l-pjan waħdieni integrat multiannwali nazzjonali ta' kontroll previst fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	2017
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf	2017
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni	2017

2006/504/KE	
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/654/KE tal-24 ta' Lulju 2008 dwar linji gwida li jgħinu lill-Istati Membri jħejju r-rapport annwali dwar il-pjan waħdieni integrat multiannwali nazzjonali ta' kontroll previst fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	2017
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2013 tat-22 ta' Lulju 2013 dwar miżuri tranżitorji għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkreditament tal-laboratorji uffiċjali li jwettqu t-testijiet uffiċjali għat-Trichinella u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/2009	2017
Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġiniw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman	2017
Id-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tirrevoka ċerti Direttivi rigward iġene tal-ikel u kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u sabiex ikunu mqiegħda fis-suq ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali intiżi għall-konsum mill-bniedem u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE u 92/118/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 95/408/KE	2017
Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	2016
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-Trichinella fil-laħam	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/608/KEE tal-14 ta' Novembru 1992 li tistabbilixxi metodi għall-analiżi u t-testjar ta' ħalib ittrattat bis-sħana għall-konsum dirett mill-bniedem	2017
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/226/KE tal-15 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi kontrolli sanitarji speċjali għall-ġbir u l-ipproċessar ta' ċerti molluski b'żewġ valvoli b' livell ta' velenu amnesiku tal-malluski ASP (Amnesic Shellfish Poison) li jabqeż il-limitu ffissat mid-direttiva 91/492/KEE tal-Kunsill	2018
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2013 tat-22 ta' Lulju 2013 dwar miżuri tranżitorji għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkreditament tal-laboratorji uffiċjali li jwettqu t-testijiet uffiċjali għat-Trichinella u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/2009	2017
Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum	2017

mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva	2017
Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali	2017
Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf	2017
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2007 tal-14 ta' Frar 2007 dwar ir-rekwiżit għall-approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal stabbilimenti kummerċjali tal-għalf li jimmanifatturaw jew li jqiegħdu fis-suq addittivi għall-għalf tal-kategorija coccidiostats u histomonostats	2019
Taqsima 4 – Regoli għas-Sikurezza tal-Ikel	
Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004	2017
Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel	2016
Id-Direttiva 2011/91/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-indikazzjonijiet jew il-marki li jidentifikaw il-lott li għalih jappartjeni oġġett tal-ikel	2018
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 tas-16 ta' Mejju 2012 li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal	2017
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1047/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 fir-rigward tal-lista ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni mogħtija fuq l-ikel	2016

Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/63/UE tal-24 ta’ Jannar 2013 li tadotta linji gwida għall-implimentazzjoni ta’ kundizzjonijiet speċifiċi għal indikazzjonijiet tas-saħħa stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	2016
